Isla
Città Invicta

# Kunsill Lokali Isla

Ufficcju Amministrattiv, 2/4, Triq San Guzepp, Isla ISL 1229
Tel: 00356 21662424 / 27013004
e-mail: isla.lc@gov.mt website: www.islalocalcouncil.com

# Rapport Annwali Amministrattiv

Jannar - Diċembru 2019

# W**errei**


**1. Introduzzjoni ........ 3**
**2. Il-Kunsill ........ 3**
Il-Kunsill ........ 3
Organizzazzjoni ........ 4
L-Amministrazzjoni tal-Kunsill ........ 5
**3. Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill Lokali ........ 6**
Il-Finanzi tal-Kunsill Lokali ........ 6
Xogħol u manuntenzjonijiet ........ 7
Il-Qasam ta' Saħħa, Soċjali u Edukattiv ........ 10

# 1. Introduzzjoni

Sinjuri residenti,

Inġbarna illum 18 ta' Diċembru 2019 fis-sala tal-kunsill sabiex flimkien inħarsu lura fuq sena ta' xogħol. Bil-limitazzjonijiet li għandu l-kunsill, il-kunsill irnexxilu jzomm il-bilanċ tajjeb billi jġib il-bżonnijiet tar-residenti l-ewwel għalhekk ser nirrevedu in-numru ta' xogħolijiet li saru matul is-sena 2019.

Irid ikun hemm għaqal kbir sabiex il-kunsill ikun jista' jwettaq xi proġetti għaliex il-fondi allokati mill-fond pubbliku jservu biss għall-ispejjez ta' kuljum għalhekk il-kunsill iqiegħed l-ewwel il-prijoritajiet tal-lokal.

# 2. Il-Kunsill

## *Il-Kunsill*

L-Isla hija belt b'popolazzjoni ta' madwar 3000 persuna. Għalhekk skond il-liġi tal-Kunsilli Lokali, il-Kunsill Lokali tal-Isla huwa kompost minn ħames kunsilliera, b'Sindku is-Sur Giuseppe Casha u Viċi-Sindku s-Sur Clive Pulis u tliet kunsilliera - is-Sur Malcolm Gatt, Is-Sur Chris Cocker u s-Sur Anthony Bonavia - eletti direttament mill-poplu wara l-elezzjonijiet tal-kunsilli ġew eletti għad-disa' leġislatura is-Sindku is-Sur Clive Pulis, il-viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia, il-kunsilliera is-Sinj. Joline Attard, il-kunsillier is-Sur Malcolm Gatt u l-kunsilliera is-Sinjorina Corinne Buhagiar li din il-leġislatura bdiet mis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2019.

Fis-sena 2019 il-parti amministrattiva tal-Kunsill Lokali kienet immexxija mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sinjura Graziella Gellel, megħjuna mill-iskrivana is-Sinjura Rita Baldacchino u l- iskrivan mill-Community Workers Scheme is-Sur Sven Formosa. Flimkien, l-amministrazzjoni tal-Kunsill tieħu ħsieb illi tikko-ordina l-ħidma kollha tal-Kunsill Lokali, tikkontrolla l-finanzi u fuq kollox timplimenta d-deċiżjonijiet kollha li jittieħdu mill-Kunsilliera fis-seduti tal-Kunsill.

Il-pjan ta' ħidma tal-Kunsill Lokali jiġi iffaċilitat bil-ħidma ta' diversi individwi permezz ta' għajnuna volontarja, ir-residenti kif ukoll il-membri tas-Sotto-Kumitati li jiġu maħtura mill-Kunsill Lokali u li xogħolhom ikun illi jiddiskutu u jressqu proposti li imbagħad jiġu diskussi waqt is-Seduti tal-Kunsill Lokali.

## *Organizzazzjoni*

L-organizzazzjoni tal-Kunsill hija maqsum



## *L-Amministrazzjoni tal-Kunsill*

**Tibdil fl-amministrazzjoni tal-Kunsill hija kif ġej:**

Is-Sinjura Graziella Gellel Segretarju Eżekuttiv – Responsabbli mill-operat sħiħ tal-Kunsill Lokali, amministrazzjoni, finanzi u riżorsi umani.fejn tat il-ħidma tagħha mal-kunsill tal-Isla bħala segretarju eżekuttiv minn Diċembru 2016 sa llum.

Is-Sinjura Rita Baldacchino Skrivana – Responsabbli għar-relazzjonijiet mal-klijenti u residenti , xogħol ta' rutina fl-uffiċċju, posta u oħrajn.

**Matul din is-sena l-ħaddiema ssekondati mal-Kunsill Lokali kienu:**

- Is-Sur Stephen Bonello
- Is-Sur Bradley Bonello
- Is-Sur Nathan Bonello
- Is-SurJohn Zammit
- Is-Sur Courtny Abela Wilson
- Is-Sur Sven Formosa
- Is-Sinj. Rita Scicluna
- Is-Sur Ettienne Bugeja li fix-xahar t' Ottubru ġie mibdul mas-Sur Grezio Gerada.

# 3. Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill Lokali

## *Il-Finanzi tal-Kunsill Lokali*

**Id-Dħul**

| | |
|---|---|
| Mill-Gvern Ċentrali | € 296,593 |
| Minn Bye-Laws | € 26,114 |
| Minn Dħul Ġenerali | € 54,574 |
| Total ta' | € 377,281 |

**Infieq**

| | |
|---|---|
| Onorarja tas-Sindku, Allowances, Pagi u taxxi tas-sigurta soċjali | € 68,489 |
| Spejjez ta' manuntenzjonijiet u servizzi | € 218,992 |
| Spejjez Kapitali | € 9,205 |
| **Total ta'** | € 296,616 |

**Bilanċ ta'** € 80,665

## *Xogħol u manuntenzjonijiet*

**Xogħol permezz ta' ħaddiema assenjati**

Matul l-2019, permezz tal-ħaddiema li l-Kunsill Lokali għandu assenjati miegħu, il-Kunsill Lokali irnexxielu jżomm aktar l-indafa fil-lettrini pubbliċi. Manutenzjoni fuq fit-toroq u xogħol ta' titjib fl-uffiċini amministrattivi tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill qabbad il-ħaddiema tal-Gvern sabiex sar xogħol ta' żebgħa differenti fuq bankijiet tax-xatt u ħaddiema mir-Reġjun Xlokk sabiex saru manutenzjoni maġġuri madwar L-Isla kif ukoll rifriskar ta' żebgħa tal-linji bojod kif ukoll linji sofor hekk kif meħtieġ.

**Indafa**

Il-Kunsill żied in-nefqa għall-kuntratt tal-kenniesa sabiex l-Isla tkun aktar nadifa. In-nefqa tal-kuntratturi tal-knies jammonta għall-madwar €24,367.
Il-Kunsill Lokali ħallas aktar milli suppost għaż-żamma tal-indafa tax-xatt speċjalment fis-Sajf. Żid aktar BINS u ħasil tal-bankina tax-xatt. Hawn il-kunsill jappella sabiex ir-residenti jikkoperaw: fil-ħruġ tal-boroz is-suwed, organiku u reċiklat u fil-ħruġ tal-ħġieġ quddiem il-bieb tad-dar li jsir kull l-ewwel ġimgħa tax-xahar u jżomm mal-appuntament li jagħtuh mill-uffiċċju amministrattiv tal-kunsill dwar il-ġbir ta' skart goff. Huwa inġust li x-xogħol li jagħmel il-kunsill jiġi imfixkel minn ċertu residenti li huma irresponsabli għalkemm din is-sena nista' ngħid li r-residenti tal-Isla qed issiru aktar konxji ta l-iskart reċiklat kemm organiku kif ukoll seperabli, ġbir ta' ħġieġ u ħwejjeġ użati. Huwa importanti li r-residenti jifmhu li jekk ma jisseparawx sewwa l-iskart kemm organiku kif ukoll reċiklabbli, il-Kunsill ikollu jħallas għal -piż li jintiżen meta l-kuntarattur immur jarmi fl-impjant, jiġifieri iktar mar-resident innaqqas mil-borża s-sewda aktar il-kunsill jibqalu fondi fil-kont tal-kunsill sabiex jintużaw b'mod aktar utli u mhux dawn l-istess fondi jiġu mormija mal-iskart.

Il-Kunsill ser joħroġ kuntratti ġodda fis-sena 2020 kemm tal-knis, tal-ġbir tal-iskart goff kif ukoll tal-ġbir tal-iskart reċiklabi, organiku u skart imħallat, għalhekk kif jiġu iffirmati dawn il-kuntratti l-Kunsill ser jerġa jibagħat ċirkolari bil-ħinijiet ta' kif wieħed għandu joħroġ l-iskart li bħal issa huma dawn:

Borża Sewda: - nhar ta' Tnejn, nhar ta' Ħamis u nhar ta Sibt id-dawra tibda fis-7:30 am
Borża Organika : Nhar ta' Tnejn, nhar ta Erbgħa u Nhar ta Ġimgħa - id-dawra tibda fis-7:30am
Borża Griża : nhar ta Tlieta - tinħareg mhux aktar tard mid—9:00am

**SKIPS**

L-Iskips ta madwar il-lokal tal-Isla tneħħew minħabba abbużi li kein qed issir fihom. Qed jiġi maħsub li bil-kuntratt il-ġdid tar-reċiklaġġ ser ikun hawn Smart BIS li ser ikunu mgħammar b' Cameras għal-abbużi li kein qed issir f'dawn l-istess BIS. Hekk kif kien imwissi is-sena l-oħra intbgħatu Commnity Officers fejn dawn kellhom jagħtu multi lil dawk li wara twissija reġgħu inqabdu jarmu l-iskart tagħhom mhux kif suppost.

**Tabelli u Sinjali tat-Toroq**

Matul l-2019 il-Kunsill Lokali għamel numru ta' marki tal-karreġġjati fit-toroq tal-lokalita' iżda għad baqa' ħafna xi jsir fil-fatt is-Sinkdu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu mal-uffiċjali tat-Transport Malta sabiex issir eżerċizju biex jittranġaw ċertu marki tal-karreġġjati fit-toroq.
Għandhom jiġu  ordnati wkoll numru ta' tabelli bil-għan illi l-pedonali u sewwieqa jkollhom sigurta' aħjar.

**Street Lighting**

Matul l-istess perjodu, jigifieri matul l-2019, il-Kunsill Lokali daħal għal spiza li tammonta għal madwar €5333 sabiex jagħmel il-manutenzjoni meħtieġa fuq id-dwal tat-toroq. Din l-ispiza tinkludi wkoll lampi li saru mill-ġdid fuq talbiet tar-residenti, wara li saret il-ġustifikazzjoni meħtieġa min-naħa tal-korporazzjoni ENEMALTA kif ukoll lampi ġodda fi Triq il-Vitorja.

Din is-sena l-kunsill lokali ħadem ma' l-istess kuntratturi tas-sena l-oħra fuq it-tizjin tad-dawl tal-Milied u għal darb oħra ħareġ disinji ġodda ta' dawl dekorattiv tal-Milied. Din id-darba l-Kunsill il-ġdid iddeċieda li jżejjen ukoll ix-xatt tal-Isla. Il-Kuntrattur ħoloq disinji apposta għa-xatt tal-Isla sabiex il-Belt tal-Isla tkun imżejna f'dan iż-żmien hekk sabieħ. In-nefqa ta' dan it-tiżjin kienet ta' madwar €2500. Il-Kunsill Lokali irċieva diversi kummenti pożitivi dwar dan anke minn nies mhux mill-Isla.

**Proġetti Kapitali**

- <u>Tisbiħ ta' Pjazza  4 ta' Settembru</u>

Matul l-2016, il-Kunsill Lokali issottometta applikazzjoni għal skema ta' proġetti kapitali mnedija mid-Dipartiment għall-Gvern Ċentrali bil-għan illi jsir xogħol ta'

tisbiħ f'Misraħ l-4 ta' Settembru. L-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali giet milqugħa u l-Kunsill Lokali ħareġ Tender dwar dan il-proġett iżda għat-tielet darba konsekuttiva l-ebda kuntrattur ma tefa' l-offerta tiegħu għalhekk il-kunsill kellu jmur għal direct order u qed jistenna mid-dipartiment tal-akkwisti sabiex japprova il-kwotazzjoni li ġab il-kunsill. Il-kunsill ideċida li jsir dan it-tisbiħ ta' Pjazza. Dan il-Proġett ser jiġi jiswa madwar €95, 000.

**<u>Triq is-Sur</u>**

Il-Kunsill Lokali jiskuża ruħu għall kull inkonvejent li nqala' sabiex titlesta Triq is-Sur iżda finalment it-Triq ser tkun lesta u għalhekk ikun lest dan il-proġett.

<u>Id-Daħla tal-Isla</u>

Il-kunsill lokali kien ressaq proposta dwar it-tisbieħ tal-Belveder fuq il-Forti San Mikiel waqt laqgħat preċedenti fejn il-gvern kien laqa' it-talbiet tal-kunsill u ħabbar li din il-proposta ser issir sabiex il-lokalita tal-Isla jkollha Belveder li tressaq aktar turisti lejn din il-Belt kif ukoll spazju miftuħ ta' rikrejazzjoni għar-residenti. .

Il-Kunsill Lokali sejaħ laqgħa pubblikafit-12 ta' Novembru 2019 fejn kienu mistiedna l-periti u l-project manager tal-GHRC fejn spjegaw il-proġett kollu li ser issir fid-daħla tal-Isla. Din il-laqgħa ġiet milqgħuha minn bosta residenti fejn is-Sur Gino Parnis ta s-suġġeriment tiegħu li l-istatwa ta' San Mikiel titressaq u tiġi fil-post fejn jixraqilha l-aktar fil-forti San Mikiel kif oriġinarjament kienet.

It-Transport Malta sejħet lis-sindku u s-segretarju eżekuttiv tal-kunsill lokali tal-Isla sabiex tiddiskuti kif għandu jsir ix-xogħol tad-daħla tal-Isla billi tinalaq mina sakemm issir ix-xogħol fuqha u traffiku jgħaddi minn mina waħda b'sorveljanza minn uffiċjali pubbliċi.

<u>In-Niċċa ta' Porto Salvo</u>

Wara ħafna ilmenti dwar in-niċċa tal-Porto Salvo il-Kunsill ser jaħdem sabiex din in-niċċa tiġi restawrata u ma tintilifx mill-preġu tagħha, il-Perit tal-kunsill ser illesti applikazzjoni sabiex il-fondi għal din in-niċċa tintbgħat lil PA. Il-Kunsill qed jistenna risposta dwar dawn il-fondi.

**Tisbieħ fi Ġnien il-Gardjola**

Il-Ġnien tal-Gardjola ingħalaq minn Settembru sabiex il-kuntrattur ikun jista' jaħdem fit-tibdiel ta' dawl u trinek kif ukoll kuntrattur ieħor ser jieħu ħsieb il-kameras, ser jinbidlu l-bankijiet u ser ikun hemm ukoll sistema ta irrigazjoni sabiex it-tisqija tal-pjanti tkun regolari kif suppost, wara n-nixfa li l-pjanti sofru f'dan is-Sajf li għadda minħabba nuqass ta tisqija. Fix-xhur li ġejjien il-Ġnien jista jerġa jinfetaħ għal-pubbliku.

## *Il-Qasam ta' Saħħa, Soċjali u Edukattiv*

**Saħħa**

Fix-xaħar ta' Mejju bejn il-11 u 12 ta' Mejju 2019, il-Kunsill Lokali tal-Isla xegħel il-faċċata tal-Uffiċċju bil-blu sabiex iġib konxji lir-residenti bil-marda tal-Fibromalaygia.

Il-Kunsil ħa ħsieb ukoll li din is-sena f' Ottubru xegħel għall darb' oħra id-daħla tal-Isla bir-roża sabiex iġġib konxji lil kulħadd għall-mard tal-kanċer fis-sider.

Issa daħlet fir-rutina tal-kalendarju li għax-xahar t'Ottubru tingħata l-injezzjoni tal-influwenza, bħas-snin ta' qabel il-kunsill ħaseb li jingħata dan il-vaċċin għalhekk il-kunsill ikompli jħeġġeġ dawk li huma intitolati li jieħdu din l-injezzjoni biex jinkitbu meta jinħareġ l-avviz sabiex ħadd ma jkun diżappuntat.

Qed issiru wkoll laqgħat interessanti ħafna kull xahar għan-nanniet, iżda jkun mistieden kulħadd fejn ikun hemm disskussjonijiet dwar is-saħħa bħal, dijabete, pressjoni, dimensja, ikel tajjeb għas-saħħa, l-ewwel għajnuna primarja għal-anzjani ( First Aid) u ħafna oħrajn li għad irridu jiġu diskussi.

Soċjali – Attivitajiet - Ħarġiet

Fi Frar il-Kunsill tal-Isla flimkien mal-kunsilli tal-kottonera organiżżaw żfin tal-Karnival fil-Pjazza Francesco Zahra li attendew għaliha residenti kemm mill-lokal kif ukoll barranin fejn din l-okażżjoni giet preżentata barra minn Malta fir-Rumania permezz tal-volontarjat mis-Salesjani li għal din l-attivita attendiet għalija is-Sinjorina Amy Chetcuti bħal rappreżentatriċi mill-volontarjat tas-Salesjani flimkien mas-sindku u s-segretarju eżekuttiv tal-kunsill ġewwa r-Rumania fil-proġett tal-EU li kien jismgħu EU 4 Citizens – Learn, Play, Act and Involve.

Fit-8 ta' Mejju 2018 il-Kunsill ta premju f' Jum L-Isla għall Ġieħ L-Isla lil mibki s-Sur Benny Casha kif ukoll ta diversi rikonoximenti liċ-ċittadini Sengleani għal kontribut tagħhom lejn il-Belt tal-Isla.

Fix-xhur tas-Sajf saru diversi attivitajiet bħal Weekend Break u ġranet ta' mistreħ fejn il-pixxina.

Fil-leġislatura il-ġdida ħasbu li ġewwa l-Isla jkun hawn Clean Up day kull xahar, fejn s'issa ġiet organiżżata 4 darbiet u dejjem kienet ta' suċċess sabiex inġibu lin-nies aktar konxji ta' kief wieħed għandu jżomm l-indafa fil-lokalita' fejn jgħix, għaliex tnaddaf kemm tnaddaf il-kunsill għadu ma laħaqx il-miri tiegħu.

Bħal ma tafu l-kunsill ma kienx qed iqassam boroż griżi dawn l-aħħar xhur għaliex il-kunsill kien qed jixtri dawn il-boroż mill-fondi tal-kunsill fejn suppost dawn kellhom jiġu rimborsati mid-dipartiment għal-gvern lokali u dawn qatt ma ġew rimborsati. Il-Kunsill laħaq ftehim ġdid ma kuntrattur ġdid għal-ġbir ta skart reċiklat u dan il-kuntrattur għandu jissuplixxi l-kunsill il-boroż għar-reċiklaġġ, dan ser ikun ta darbtejn fil-ġimgħa sabiex ir-resident ma joqgħodx jiġi kull xahar fl-uffiċċju tal-kunsill.

Il-Kunsill qabel li għal din is-sena ma jagħlaqx ix-xatt għaliex ħass li l-flus li kienu qed jintnefqu għas-sigurta ma kienx qed jilħaq l-għan li x-xatt ikun żona pedonali, b'hekk il-flus allokati għal għeluq tax-xatt intnefqu għal akatar indafa, bħal ħasil tax-xatt u xiri t' aktar bins. Il-Kunsill talab għall-fondi tal-LESA li jammontaw madwar €2000 jiġu allokati wkoll għall aktar xiri ta' bins.

Din is-sena bejn is-6 u l-15 ta' Settembru il-Kunsill ħa sehem fil-Malta Pride Initiative 2019 permezz li żebagħ zebra crossing skont ir-regoli tat-transport Malta fix-xatt tal-Isla qabel ma toħroġ mill-mina ta' fejn il-Maċina.

F' Settembru 2019 l-kunsill Lokali flimkien mal-parroċċa organizza festa familja fejn sar kunċert quddiem iz-zuntier tal-knisja.

Fil-5 ta' Novembru 2019 il-Kunsill organiżża ħarġa kulturali ġewwa Għawdex fejn l-anzjani ġew mitluba jġibu l-passaport kulturali magħhom sabiex iżuru s-sit tal-Ġgantija mingħajr ħlas.

Fil-21 ta Novembru 2019 il-Kunsill b'kollaborazzjoni mal-iskola primarja organizza attivitajiet għall- Jum Dinji tat-tfal fejn il-kunsill qassam ilma u frott u organiżżaw kompetizzjoni ta tpinġija għat-tfal. It-tfal tal-iskola tal-Primarja tal-Isla ġibdu l-attenzjoni lil-Kunsill li fejn l-iskola qed ikun hemm ħafna loqom tas-sigaretti u jissuġġerixu li jsiru bins apposta għal-loqom tas-sigaretti, dawn il-bins ser jinxtraw u jiġu installati li ser jiġi jiswew €1791.

Matul l-2019, bil-kollaborazzjoni tal-għaqdiet tal-lokal, il-Kunsill Lokali organizza coffee mornings, weekend break, festa familja, ħarġa għat-tfal, ikla għal familja kollha matul iż-żmien tal-Milied kif ukoll il-party tal-anzjani.

Sports

Il-Kunsill Lokali b'kollaborzzjoni mal-iskola Primarja baqa' jorganizza sezzjonijiet ta Zumba fejn inkitbu aktar minn disgħa u tletin persuna għall dan l-isport, li ser jitkompla f' Jannar 2020 għal għaxar sezzjonijiet oħra.

Il-Kunsill applika sabiex issir open gym fix-xatt eżatt qabel titla Triq l-Arkati, il-PA kif ukoll awtoriżżaw lil Kunsill lokali sabiex issir dan l-open gym fejn aktar tard il-kunsill ser japplika biex issir *play area* wkoll fl-istess żona.

Edukattiv

Matul l-2019, il-Kunsill Lokali offra s-sala tal-kunsill sabiex jiġi organniżżat kors fil-lingwa Maltija għal residenti barranin sabiex jintegraw aktar mal-komunita' Maltija.

Librerija

Il-Kunsill flimkien mad-dipartiment għal-gvern lokali issotomettu s-somma ta' €2000 għal din id-darba sabiex jinxtraw purtieri u xi petruni għal-librerija.

Relazzjonijiet Internazzjonali

- <u>Serbia</u>

Is-Sindku s-Sur Clive Pulis, il-Kunsilliera Corinne Buhagiar kif ukoll is-Sur Arthur Perici żaru l-pajjiz ta' Bella Palanka sabiex ikollhom aktar kuntatti biex issir ġemelaġġ mas-Serbia.

- <u>Zarasai</u>

Mil-11 sat-18 t' Awissu 2019 , il-viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia, il-kunsillier is-Sur Malcolm Gatt u l-kunsilliera s-Sinj. Joline Attard attendew għall-invit ġewwa Zarasai fejn iddiskutew sabiex jikkolaboraw biex jisaħħaħ ġemelaġġ ma Zarasai.

- <u>AVEC</u>

Is-Sindku s-Sur Clive Pulis u s-segretarju Eżekuttv is-Sinj. Graziella Gelel attendew għal konferenza fi Franza ġewwa Charter fejn din il-konferenza kellha l-għan ewlieni illi tlaqqa' lill-imsieħba kollha fin-network AVEC bil-għan ili tagħti rendikont tal-ħidma ta' AVEC u jitfasslu

strateġiji futuri. Waqt il-konferenza fil-fatt, is-Sur Christian Moursiard, president ta’ AVEC, flimkien mas-Sa. Marie Del Falco, Segretarja Ġenerali ta’ AVEC taw rendikont finanzjarju dettaljat u spjegaw id-dħul u l-infiq ta’ AVEC matul l-2018. Is-Sindku tal-Birgu s-Sur Boxall flimkien mas-Sindku tal-Isla is-Sur Clive Pulis proponew li l-laqgħa li jmiss issir f’Malta u l-membri tal-bord aċċetaw din l-istedina.

EU For Citizens

Bejn it-8 u t-12 ta’ Ġunju 2019 is-Segretarju Eżekuttiv u l-viċi Sindku s-Sur Clive Pulis flimkien mal-volontiera Amy Chetcuti attendew għal proġett fir-Romania fejn ġie diskuss l-inklużjoni tal-barranin f’ Malta. Is-Segretarju Eżekuttiv u l-Viċi Sindku attendew għal diversi laqgħat u esperjenzi minn pajjizi fl-Ewropa fosthom l-Italja, Greċja, Turkija, Polonja, Rumanija u Litwanja. Ħadu sehem ukoll f’workshops fejn ġiet introdotta sitema ta tagħlim permezz ta’ logħob u implimentar ( Play, Act and Involve)

## Konklużjoni

Is-Sena 2019 kienet waħda impenjattiva u li tat sodisfazzjon tax-xogħol li twettaq. Minkejja l-problemi u r-restrizzjonijiet finanzjarji u amministrativi, l-kunsill iħoss li mexxa bl-aħjar mod possibli biex wettaq il-ħidma mill-aktar mod effettiv u effiċjenti. Issa jmis li nħarsu l-quddiem għas-snin li ġejjin ħalli nkomplu ntejbu fuq dak li bnejna.

Infakkarkom li kull min għandu aċċess għall-internet jista jara il-laqgħa tal-kunsill onlajn minn fuq il-website tal-kunsill. Kif ukoll din is-sena il-Kunsill Lokali tal-Isla għandu paġna ġdida fuq Face Book Kunsill Lokali l-Isla għalhekk inħeġġukom biex tidħlu fiha sabiex tkunu tafu aktar bl-attivitajiet u l-avviżi li jkunu qed issiru.

Grazzi mill-qalb lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor taw sehemhom biex kellna sena oħra ta' ħidma għall-ġid tal-lokalita.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Clive Pulis | Graziella Gellel |